



Stampa u informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 45/13
il-Lussemburgu, 15 April 2013

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku żewġ mezz ta' informazzjoni ġodda dwar l-attività tagħha

Twitter u applikazzjoni ġdida mobile għall-istqarrijiet għall-istampa

Twitter

Mil-lum, id-Diviżjoni tal-Istampa u tal-Infommazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja qed tuża Twitter sabiex tinforma lill-pubbliku kkonċernat dwar l-attività tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Minn issa 'l quddiem ser jixxandru minn wieħed sa tliet tweets fil-ġimgħa dwar deċiżjonijiet kif ukoll ċerti avvenimenti istituzzjonali.

Għal iktar informazzjoni, ikkonsulta l-[politika](#) tagħna [dwar l-użu ta' Twitter](#).

Applikazzjoni mobile għall-istqarrijiet għall-istampa

Mil-lum, paġna ġdida li sservi ta' indiċi għall-istqarrijiet għall-istampa hija ukoll disponibbli f'format adattat għall-mobiles.

B'hekk, l-utent ser ikollu aċċess għall-aħħar għaxar stqarrijiet għall-istampa billi jikkonsulta s-sit www.curia.europa.eu/jcms/mobile.jsp permezz tal-browser ta' mobile jew ta' tablet.

Dawn l-istqarrijiet għall-istampa, ippublikati mid-Diviżjoni tal-Istampa u tal-Infommazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jippermettu li wieħed isir jaf malajr il-punti essenzjali tas-sentenzi u tal-konklużjonijiet jew l-infommazzjoni essenzjali dwar ċerti avvenimenti (udjenzi solenni, żjarat uffiċjali ...).

L-istqarrijiet għall-istampa jibqgħu disponibbli fis-sit tal-Qorti tal-Ġustizzja (www.curia.europa.eu) u jkunu disponibbli permezz ta' RSS feed.

L-utenti ta' din l-applikazzjoni l-ġdida ser ikollhom ukoll aċċess għal infommazzjoni Prattika, bħal mappa ta' aċċess għall-bini tal-istituzzjoni.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355